# RAPPORT TA' KULL XAHREJN

# RAPPORT NRU 11_05

# SETTEMBRU SA OTTUBRU 2011

## 1. Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

1.1 Il-Bord tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) iltaqa' darba matul dawn ix-xahrejn u ddiskuta dawn is-suġġetti:

- Ilmenti ta' diskriminazzjoni skont il-Liġi Opportunitajiet Indaqs
- Ir-rapport dwar il-*policy* dwar għixien indipendenti ssapportajt
- Il-programm tal-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità
- Iċ-Ċentru Ħajja Indipendenti Sonia Tanti
- It-tariffi tal-karozza tal-linja għall-persuni b'diżabilità

1.2 Il-Kumitat Konsultattiv tal-Persuni b'Diżabilità Intellettwali tal-KNPD għamel tlett laqgħat f'dan il-perjodu li fihom iddiskutew is-suġġett tar-relazzjonijiet u s-sesswalità.

1.3 Ħames membri tal-istaff tas-Segretarjat tal-KNPD (*services officers* u *assistant services officers*) attendew kors dwar *Dynamic Communication* organizzat mis-*Centre for Development Research and Training*.

1.4 Il-ħaddiema tas-Segretarjat tal-KNPD organizzaw serata ta' attività volontarja f'Dar San Ġużepp f'Santa Venera. Din is-serata kienet tikkonsisti f'logħob u festin għat-tfal residenti f'din id-Dar. Fl-għeluq ta' din is-serata, d-Direttur tad-Dar, Fr Frankie Cini faħħar l-inizjattiva tal-KNPD u esprima l-gost li ħadu t-tfal. Is-Sur Joe Camilleri qal li l-attività kellha diversi għanijiet, fosthom li ssir edukazzjoni pubblika u dejjem titjieb l-attitudini lejn il-persuni b'diżabilità, li malajr kemm jista' jkun tibda tinbidel l-ideja li l-persuni b'diżabilità jirċievu biss u ma jagħtu qatt, u fl-aħħar mill-aħħar biex il-KNPD tagħti l-appoġġ sħiħ tagħha għaż-żgħażagħ li jgħixu fid-Dar u għall-ħidma sinċiera u fejjieda li qed issir mir-reliġjuzi u l-istaff kollu ta' Dar San Ġużepp, Sta.Venera.

## 2. Ħidma Kontra d-Diskriminazzjoni

Waħda mir-rwoli l-aktar importanti tal-KNPD hi li tara li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilita') 2000 qed tiġi mħarsa u implimentata.

2.1 Il-ħidma sabiex tiġi mħarsa u implimentata din il-Liġi ssir primarjament mit-Taqsima tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (TLOI) fis-Segretarjat tal-KNPD. Din tirċievi u tinvestiga ilmenti ta' diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilita'. F'dawn ix-xahrejn, saru tlett laqgħat tal-Bord tat-TLOI, waħda minnhom mal-Avukat Peter Fenech.

Fl-aħħar tal-perjodu kopert minn dan ir-rapport, xogħol fuq l-ilmenti hu kif jidher f'Tabella 2.1.

Tabella 2.1 Ilmenti ta' Diskriminazzjoni fuq Bażi ta' Diżabilita'

| QASAM | MIFTUĦIN | MAGĦLUQIN | QED JIĠU DISKUSSI |
|---|---|---|---|
| Xogħol | 2 | 4 | 1 |
| Edukazzjoni | 6 | 6 | 4 |
| Aċċess | 7 | 8 | 7 |
| Servizzi | 9 | 14 | 6 |
| Djar | - | - | - |
| Assigurazzjoni | - | 1 | - |
| **Total** | **24** | **33** | **17** |

2.1.1 *Edukazzjoni*

(i) Arranġamenti għal Waqt l-Eżamijiet
Il-KNPD kompliet issegwi l-ilment dwar nuqqas ta' arranġamenti għal student b'diżabilità għal waqt l-eżamijiet tal-*Aircraft Maintenance* tal-MCAST sabiex jiġi żgurat li studenti tal-MCAST jingħataw l-arranġamenti meħtieġa filwaqt li tinżamm l-integrità tal-eżami.

(ii) Kors part-time fl-MCAST
Il-KNPD rceviet ilment li kors part-time ma kienx issussidjat għall-persuni b'diżabilita' bħal ma kien għal persuni anzjani. KNPD ħadmet mal-MCAST biex is-sitwazzjoni tranġat u l-ilment ingħalaq.

2.1.3 *Xogħol*

(i) Akkommodazzjoni għal għalliema fi skola tal-Istat
Il-KNPD kompliet taħdem fuq ilmenti mingħand żewġ għalliema fi skola tal-istat li għandhom diżabilità sabiex jiġi żgurat li tingħatalhom l-

akkommodazzjoni raġonevoli li għandhom bżonn minħabba d-diżabilità tagħhom. Ġie reġistrat progress u hu ttamat li tinstab soluzzjoni raġonevoli fi żmien qasir.

2.1.3 *Aċċessibilita' Fiżika*

(i) Nuqqas ta' Progress Dwar Aċċessibilità Fiżika

Il-KNPD bgħatet numru ta' ittri lil entitajiet differenti minħabba li ma kienx qed jiġi reġistrat progress sabiex bini għall-użu tal-pubbliku jsir aċċesssibli għal kuħaddu kultant saħansitra lanqas kien qed ikun hemm tweġibiet għal korrsipondenza mibgħutha mill-KNPD. F'dawn l-ittri, il-KNPD spjegat li skont il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, dawn l-entitajiet huma marbuta li jagħtu l-informazzjoni mitluba u li jekk ma jiġix reġistrat progress, il-KNPD ma jkollha l-ebda għażla ħlief li tieħu passi legali. Matul dawn ix-xahrejn, intbagħtu ittri lill-Europharma, Empire Cinema, Lukanda Riviera, Lukanda Excelsior, id-Djoċesi ta' Għawdex u Portomaso. F'ħafna mill-każijiet, il-KNPD irċeviet risposta fiż-żmien stipolat minnha b'informazzjoni dwar meta se jitlesta x-xogħol meħtieġ. Iżda f'każijiet oħra, b'mod speċjali fil-każ tal-Lukanda Excelsior u knejjes parrokkjali fid-Djoċesi ta' Għawdex, intbagħtu ittri mill-avukat tal-KNPD iżda xorta ma ngħatatx risposta sodisfaċenti. Il-KNPD se tkompli ssegwi dawn il-każijiet biex, fejn ingħatat risposta definittiva jiġi żgurat li x-xogħol isir fiż-żmien stipolat filwaqt li fil-każijiet l-oħra tevalwa l-aħjar mod kif tipproċedi.

(ii) Laqgħa ma' Transport Malta

Saret laqgħa ma' rappreżentant tat-Transport Malta rigward diversi ilmenti ta' toroq li mhumiex aċċessibli għal kulħadd u dwar parkeġġi riservati. Hu ttamat li jiġi reġistrat progress minħabba li ħafna minn dawn l-ilmenti jmorru lura numru ta' snin.

(iii) Aċċessibilità fl-Grawnds tal-Futbol.

Il-KNPD għamlet żjarat fuq is-sit ta' żewġ grawnds tal-futbol prinċipali, l-Istadium Victor Tedesco fil-Ħamrun u l-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali. Fil-każ tal-Victor Tedesco qed isiru xogħolijiet maġġuri ta' renovazzjoni u l-għan taż-żjara kien li jiġi żgurat li x-xogħol jitwettaq skont l-*Access for All Design Guidelines*. Fil-każ ta' Ta' Qali, ġie diskuss l-aħjar mezz kif dan l-istadium isir aċċessibli għal kulħadd.

*2.1.4 Servizzi*

(i) Servizz regolari ta' *Occupational Therapist* (OT).

KNPD irċeviet ilment minħabba li s-servizz ta' OT lil persuna li għandha l-awtizżmu twaqqaf. Wara kjarifikazzjoni mal-Ministeru tas-Saħħa, instabet soluzzjoni raġonevoli u l-ilment ingħalaq.

(ii) Trasport Pubbliku –Arriva

Il-KNPD rceviet ilmenti dwar aspetti differenti tas-servizz minn persuni b'nuqqas ta' dawl u nuqqas ta' mobilita'. Uħud mill-ilmenti ngħalqu u KNPD ser tibqa' taħdem biex tinstab soluzzjoni ekwa għall-ilmenti l-oħra.

2.2 Minbarra x-xogħol li jsir permezz tat-TLOI, il-KNPD tagħmel ukoll Konsultazzjoni mal-MEPA sabiex tassigura li, skont il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, bini li huwa għall-użu tal-pubbliku jkun aċċessibli għal kulħadd. Dan il-bini jkun ikkunsidrat aċċessibli jekk ikun magħmul skont il-linji gwida 'Access for All' li jinkisbu mill-websajt tal-KNPD www.knpd.org. Dawn il-Linji Gwida bħalissa huma fil-proċess li jkunu riveduti u saret laqgħa ta' konsultazzjoni dwar l-abbozz tal-Linji Gwida skont kif ġew riveduti.

2.2.1 Il-KNPD tieħu ħsieb li jsir *ivvettjar ta' pjanti li jiġu sottomessi lill-MEPA* għall-permessi ta' bini ġdid jew bini li se jiġi renovat sostanzjalment. Statistika dwar il-ħidma ta' vvettjar li saret f'dawn ix-xahrejn tidher f'Tabella 2.2.1.

Tabella 2.2 Ivvettjar tal-Applikazzjonijiet tal-MEPA

| | Kemm Drabi Ġiet Ivvettjatha l-Applikazzjoni | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Darba** | | **Darbtejn** | | **Tlett Darbiet** | | **Aktar Minn Tlett Darbiet** | |
| | Subtotal | Total s'issa | Subtotal | Total s'issa | Subtotal | Total s'issa | Subtotal | Total s'issa |
| **Rakkomandat għall-approvazzjoni** | 8 | 33 | 9 | 58 | 9 | 53 | 12 | 78 |
| **Aktar informazzjoni mitluba** | 9 | 36 | 12 | 43 | 6 | 21 | 3 | 23 |
| **Mhux rakkomandat** | 67 | 288 | 23 | 110 | 16 | 69 | 9 | 48 |
| **Diskussjonijiet għaddejjin** | 0 | | 0 | | 2 | | 0 | |

2.2.2 Il-KNPD tagħmel ukoll *Spezzjoni tal-Bini* li għalih ikun intalab compliance certificate min-naħa tal-KNPD. L-ispezzjoni issir sabiex jiġi kkonfermat li dan sar skont il-linji gwida Access for All. Iċ-ċertifikat li toħroġ il-KNPD jindika jekk dan huwiex il-każ jew le.

Tabella 2.2.2 Spezzjoni ta' Bini għall-Compliance Certificate

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Bini kkonfermat aċċessibbli | 3 | 16 |
| Bini kkonfermat mhux aċċessibli | 6 | 19 |
| Pendenti | 0 | |

2.2.3 F'każijiet fejn ikun hemm xi diffikulta' biex bini jsir aċċessibli, jiġi applikat it-Test ta' X'Inhu Raġonevoli. Għal dan il-għan, *il-Bord tat-Test ta' X'Inhu Raġonevoli* jeżamina pjanti fejn jista' jkun hemm xi diffikulta'. Statistika dwar xogħol ta' dan il-Bord f'dawn ix-xahrejn tidher f'Tabella 2.2.3.

Tabella 2.2.3 Bord tat-Test ta' X'Inhu Raġonevoli

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Talba kkunsidrata raġonevoli (b'kundizzjonijiet) | 10 | 34 |
| Talba mhux ikkunsidrata raġonevoli | 1 | 14 |
| Aktar informazzjoni mitluba | 4 | 204 |
| Rikjesta għal estensjoni tal-garanzija bankarja | 0 | 5 |

2.2.4 Minn din is-sena, il-KNPD bdiet ukoll tivvettja pjanti ta' żvilupp li jkunu se jitressqu quddiem id-Development Control Committee. Ħidma f'dan ir-rigward twettqet kif jidher f'Tabella 2.2.4.

Tabella 2.2.4 Development Control Committee

| | Sub Total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Rakkomandati | 12 | 50 |
| Mhux Rakkomandati | 9 | 38 |
| Aktar Informazzjoni mitluba | 3 | 4 |
| Rakkomandati b'kundizzjoni | 3 | 9 |

2.3 Il-KNPD tagħti wkoll kontribut f'oqsma oħra tal-ħidma kontra d-diskriminazzjoni fuq livell Ewropew u internazzjonali. Matul dawn ix-xahrejn, il-KNPD tat ukoll feedback rigward dokumenti li ħarġu mill-Unjoni Ewropea u anke fuq livell internazzjonali, fosthom id-Direttiva dwar Anti-Diskriminazzjoni, il-Karta Soċjali Ewropea, abbozz ta' rizoluzzjoni fil-Ġurnata Dinjija tad-Down Syndrome, u dokument dwar ir-Realizazzjoni tal-Millennium Development Goals għall-persuni b'diżabilità.

2.4 Rappreżentanti tal-KNPD ħadu sehem f'żewġ laqgħat li saru fi Brussel. L-ewwel waħda kienet il-laqgħa tal-Grupp Għoli dwar id-Diżabilità fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, u l-oħra kienet Work Forum dwar il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

## 3. Żvilupp ta' *Policy*

Il-KNPD għandha r-rwol li tiżviluppa u tikkoordina ħidma fuq *policy* fil-qasam tad-diżabilita'. Dan tagħmlu billi tiżgura li kull programmi, miżuri, servizzi u inizjattivi tal-Gvern u l-aġenziji tiegħu li jolqtu il-qasam tal-persuni b'diżabilità jieħdu in kunsiderazzjoni d-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilita'. Hi taħdem ukoll biex tiżgura li jkun hemm koordinament bejn dawn l-entitajiet f'dan ir-rigward.

3.1 Matul dawnn ix-xahrejn, il-KNPD kompliet bil-ħidma tagħha fuq l-iżvilupp ta' Policy dwar Għixien Sapportjat. Tlesta x-xogħol ta' riċerka u ħareġ l-abbozz tar-rapport finali fuq dan is-suġġett. Fit-30 ta' Settembru, ġiet organizzata laqgħa ma' entitajiet u awtoritajiet governattivi dwar il-Politka ta' Għixien Issapportjat. Dawk li ħadu sehem kienu jirrappreżentaw l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, l-Awtorità tad-Djar, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, il-Ministeru tas-Saħħa, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, L-Imjieg u l-Familja, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, id-Dipartiment tas-Soċjoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, l-Aġenzija Sapport u l-Ministeru għal Għawdex. L-abbozz tar-rapport tqiegħed ukoll fuq il-*website* tal-KNPD sabiex ikun jista' jingħata *feedback* dwaru.

3.2 L-Edukazzjoni Inklussiva hu wieħed mill-aktar aspetti importanti tal-ħajja u l-KNPD kompliet tagħti kontribut qawwi f'dan is-settur matul dawn ix-xahrejn.

3.2.1 Il-KNPD intervjeniet fil-kwistjoni tad-direttiva maħruġa mill-MUT rigward il-mili tal-applikazzjoni għall-arranġamenti waqt l-eżamijiet tas-SEC għal studenti b'diżabilità. Il-KNPD uriet it-tħassib serju tagħha li din id-direttiva setgħet tikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra studenti b'diżabilità, skont il-Liġi Opportunitajiet Indaqs. Wara taħdidiet li kellha l-MUT, din id-direttiva tneħħiet.

3.2.2 Il-KNPD kompliet tagħti s-sehem tagħha fl-*iStatementing Appeals Board*, permezz tas-Sur Joseph M. Camilleri, li hu membru ta' dan il-Bord. Dawk li ma jaqblux mad-deċiżjonijiet meħuda mill-Istatementing Moderating Panel rigward is-sapport li jkunu jeħtieġu studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali jkunu jistgħu jagħmlu appell biex dan il-Bord jerġa jeżamina t-talba tagħhom u jiddeċiedi dwar is-sapport li jkun hemm bżonn, inkuż sapport minn learning support assistant.

3.2.3 Il-livell post-sekondarju, il-KNPD taħdem fil-qrib mal-*MCAST* sabiex dawn flimkien jiżguraw li studenti b'diżabilita' jkunu jistgħu jagħmlu korsijiet fl-istituti varji ta' dan il-kulleġġ. Din il-ħidma qed issir l-aktar permezz tal-kontribut li jagħtu s-Sinjuri Joseph M. Camilleri u Anne-Marie Callus fuq l-Inclusive Vocational Education and Training Working Group.

3.2.4 Il-KNPD tagħti wkoll is-sapport tagħha biex *l-Universita' ta' Malta* tiżgura li studenti b'diżabilita' jkollhom opportunitajiet indaqs f'din l-istituzzjoni, permezz ta' parteċipazzjoni fl-Access: Disability Support Committee u fil-Board of Referrrals, li jeżamina appelli ta' deċiżjonijiet li jkunu saru rigward arranġamenti speċjali għall-eżamijiet tal-MATSEC.

3.2.5 Il-KNPD kompliet taħdem fil-qrib sabiex jiġi żviluppat programm ta' *Studji dwar id-Diżabilità* fl-Università ta' Malta, speċjalment biex jingħata bidu għall-*Masters in Disabilty Studies*.

3.2.6 Il-KNPD kienet ukoll involuta f'taħdidiet mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Impjieg u l-Familja u l-*Institute for Tourism Studies*, sabiex jiġu esplorati mezzi biex din l-istituzzjoni post-sekondarja ssir aktar aċċessibli għal studenti b'diżabilità filwaqt li jiżdied l-għarfien dwar l-oqsma tad-diżabilità fost l-istaff u studenti kollha.

3.3 Il-KNPD qed tagħmel diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Impjieg u l-Familja, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u l-Korporazzjoni tal-Impjieg u Taħriġ sabiex jiġu esplorati mezzi kif ir-reġistri tal-persuni b'diżabilità miżmuma mill-KNPD, l-ETC u d-Dipartiment jistgħu jittħadmu b'mod aktar effettiv għall-benefiċċju tal-persuni b'diżabilità.

3.4 Saret sejħa għal applikazzjoniet mill-PEKTUR sabiex jiġu finanzjati proġetti li jinvolvu persuni b'diżabilità f'riċerka.

## 4. Servizzi Diretti u Indiretti

Sabiex tiżgura li persuni b'diżabilita' jkollhom kwalita' ta' ħajja aħjar, il-KNPD toffri numru ta' servizzi mis-Segretarjat tagħha li tamministra hi direttament jew f'isem entita' oħra. Kull min japplika għal servizz amministrat mill-KNPD jitniżżel fir-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilita', li statistika dwaru tiġi ppublikata fir-Rapport ta' Ħidma tal-KNPD, li jista' jitniżżel mill-websajt www.knpd.org.

4.1 Il-Karta tal-Identita' Speċjali (KIS) tinħareġ lil persuni b'diżabilita' reġistrati li jagħżlu li jkollhom din il-Karta. Meta persuna b'diżabilita' tiġi nieqsa, il-familja tagħha tintalab tirritornaw il-KIS tagħha. Jekk ma jsirx dan, tinbagħat ittra bl-avukat. F'każ ta' KIS mitlufa, issir dikjarazzjoni minn membru tal-familja.

Tabella 4.1 Il-Karta tal-Identita' Speċjali

| | Sub-Total | Total s'issa |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 323 | 1790 |
| KIS ġodda | 202 | 1162 |
| Applikazzjonijiet li ma ġewx aċċettti | 9 | 48 |
| KIS imġedda | 133 | 553 |
| KIS ritornati | 52 | 298 |
| Dikjarazzjoni rigward KIS mitlufa | 20 | 119 |
| Ittra mill-avukat rigward ir-ritorn tal-KIS | 9 | 71 |
| Numru ta' persuni b'diżabilita' li għandhom KIS | | 10713 |
| Numru ta' KIS li skadew | | 1428 |

Tabella 4.1.2 turi is-sess, eta' u tip ta' diżabilita' ta' min ingħata l-KIS f'dawn ix-xahrejn.

Tabella 4.1.2 Min ingħata l-Karta tal-Identita' Speċjali

| **Sess** | | |
|---|---|---|
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nisa | 99 | 596 |
| Rġiel | 103 | 616 |
| **Eta'** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Taħt l-4 snin | 8 | 39 |
| Bejn 5 u 16 | 5 | 52 |
| Bejn 17 u 30 | 5 | 51 |
| Bejn 31 u 60 | 46 | 272 |
| Aktar minn 60 | 138 | 798 |
| **Tip ta' Diżabilita'*** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nuqqas fiżiku | 181 | 1054 |
| Nuqqas intellettwali | 18 | 143 |
| Nuqqas psikoloġiku | 6 | 46 |
| Nuqqas ta' smigħ | 10 | 53 |
| Nuqqas ta' dawl | 20 | 110 |
| Mhux magħruf | 1 | 11 |

*Din it-tabella turi t-tipi ta' nuqqas tal-persuni li kwalifikaw għal dan is-servizz. Min għandu aktar minn nuqqas wieħed jidher darbtejn, ngħidu aħna 'nuqqas fiżiku' u 'nuqqas ta' smigħ'.

4.2 Is-Servizz Għajnuniet Speċjali (SGħS) jipprovdi pariri u assistenza finanzjarja lil persuni b'diżabilita' biex dawn jixtru apparat assistiv li jgħinhom itejbu l-kwalita' tal-ħajja tagħhom. Fil-perjodu kopert minn dan ir-rapport, l-SGħS ġie amministrat kif indikat f'Tabella 4.2.

Tabella 4.2 Servizz Għajnuniet Speċjali

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 57 | 254 |
| Numru ta' benefiċċjari | 48 | 203 |
| Applikazzjonijiet mhux eliġibbli | 3 | 16 |
| Applikazzjonijiet mwaqqa' | 0 | 0 |
| Applikazzjonijiet fuq il-waiting list | 6 | 28 |
| Apparat ritornat u ridistribwit lil applikanti oħra | 1 | 1 |
| Apparat ieħor ritornat | 0 | 0 |

*In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-SGħS matul dawn ix-xahrejn mhux eżatt daqs in-numru ta' applikanti minħabba li jkun hemm min ikun għadu ma ressaqx id-dokumenti kollha biex il-Bord ikun jista' jieħu deżiċjoni.

Tabelli 4.2.1 sa 4.2.3 jippreżentaw statistika rispettivament rigward l-għotjiet ta' flus li ngħataw f'dawn ix-xahrejn, l-etajiet ta' min ibbenefika minn dawn il-flus, u t-tip ta' apparat li ntxara.

Tabella 4.2.1 Għotjiet ta' Flus mill-SGħS

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Flus mogħtija | €39,623 | €178,614 |
| Numru ta' benefiċċjari | 48 | 212 |
| Għotja medja | €825 | €843 |

Tabella 4.2.2 Min ibbenefika mill-SGħS

| Sess | | |
|---|---|---|
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nisa | 24 | 104 |
| Rġiel | 24 | 115 |
| **Eta'** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Taħt l-4 snin | 2 | 12 |
| Bejn 5 u 16 | 7 | 32 |
| Bejn 17 u 30 | 6 | 25 |
| Bejn 31 u 60 | 10 | 44 |
| Aktar minn 60 | 24 | 97 |
| **Tip ta' Diżabilita'*** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nuqqas fiżiku | 24 | 126 |
| Nuqqas intellettwali | 6 | 50 |
| Nuqqas psikoloġiku | 6 | 27 |
| Nuqqas ta' smigħ | 5 | 28 |
| Nuqqas ta' dawl | 0 | 6 |
| Mhux magħruf | 0 | 0 |

*Din it-tabella turi t-tipi ta' nuqqas tal-persuni li kwalifikaw għal dan is-servizz. Min għandu aktar minn nuqqas wieħed jidher darbtejn, ngħidu aħna 'nuqqas fiżiku' u 'nuqqas ta' smigħ'.

Tabella 4.2.4 Tip ta' Apparat li Nxtara Permezz tal-SGħS

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Siġġijiet tar-roti u walking aids | 24 | 102 |
| Sodod u apparat biex toqgħod bil-qiegħda | 28 | 101 |
| Iġjene Personali | 2 | 17 |
| Apparat biex tikkomunika | 5 | 41 |
| Apparat biex terfa' | 7 | 21 |
| Apparat ieħor | 0 | 1 |
| Total | 66 | 283 |

4.3 Ħlas Lura (Ekwivalenti għall-VAT) jingħata fuq apparat li hu għall-użu speċifiku tal-persuni b'diżabilita' u anke fuq kompjuters. Dettalji dwar kif ingħata ħlas lura f'dawn ix-xahrejn huma miġbura f'Tabella 4.3.

Tabella 4.3 Ħlas Lura fuq Apparat Speċifiku u fuq Kompjuters

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Ħlas lura | €7,402 | €49,318 |
| Numru ta' benefiċċjari | 62 | 333 |
| Medja ta' ħlas lura | €120 | €148 |

4.4 Il-Blue Badge hu servizz li l-KNPD tamministra f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija. Hi tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissarju biex joħroġ il-Blue Badge lil persuni li għandhom nuqqas sever ta' mobilita'. Għan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-KNPD titlob li jiġu rritornati Blue Badges ta' persuna b'diżabilita' li ġew nieqsa. Jekk il-Blue Badge tibqa' ma tiġix ritornata, tinbagħat ittra mill-Kummissarju tal-Pulizija. F'każ li l-Blue Badge tkun mitlufa, il-familjari jagħmlu affidavit. Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, xogħol f'dan ir-rigward sar kif jidher f'Tabella 4.4.

Tabella 4.4 Il-Blue Badge

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 305 | 1905 |
| Rakkomandati<br>- Permanenti<br>- Temporanju | <br>128<br>35 | <br>679<br>178 |
| Applikazzjonijiet mhux rakommandati | 20 | 123 |
| Applikanti li ma attendewx għall-appuntament | 2 | 29 |
| Applikanti li talbu appuntament ġdid | 53 | 221 |
| Blue Badges imġedda | 149 | 805 |
| Blue Badges miżmuma | 5 | 19 |
| Blue Badges ritornati | 77 | 694 |
| Affidavit rigward Blue Badges mitlufa | 8 | 43 |
| Ittra mill-Kummissarju tal-Pulizija rigward ir-ritorn tal-Blue Badges | 4 | 69 |
| Numru ta' Blue Badges li qed jintużaw bħalissa | | 6117 |

Tabella 4.4.2 Min ingħata l-Blue Badge

| Sess | | |
|---|---|---|
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nisa | 132 | 737 |
| Rġiel | 180 | 925 |
| **Eta'** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Taħt l-4 snin | 5 | 20 |
| Bejn 5 u 16 | 18 | 77 |
| Bejn 17 u 30 | 7 | 59 |
| Bejn 31 u 60 | 83 | 428 |
| Aktar minn 60 | 199 | 1078 |
| **Tip ta' Diżabilita'** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nuqqas fiżiku | 287 | 1542 |
| Nuqqas intellettwali | 26 | 153 |
| Nuqqas psikoloġiku | 11 | 56 |
| Nuqqas ta' smigħ | 7 | 41 |
| Nuqqas ta' dawl | 25 | 160 |
| Mhux magħruf | 2 | 18 |

*Din it-tabella turi t-tipi ta' nuqqas tal-persuni li kwalifikaw għal dan is-servizz. Min għandu aktar minn nuqqas wieħed jidher darbtejn, ngħidu aħna 'nuqqas fiżiku' u 'nuqqas ta' smigħ'.

4.4.1 Persuni li ma jingħatawx il-Blue Badge jistgħu jappellaw mid-deċiżjoni permezz ta*l-Bord tal-Appell tal-Blue Badge*, li hu mmexxi mill-KNPD u l-Kummissarju tal-Pulizija. Statistika dwar appelli li saru f'dawn ix-xahrejn tidher f'Tabella 4.4.1.

Tabella 4.4.1 Bord tal-Appell tal-Blue Badge

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Appelli ġodda | 17 | 75 |
| Konferma tal-ewwel deċiżjoni | 12 | 66 |
| L-ewwel deċiżjoni mibdula | 12 | 26 |
| Pendenti | 13 | |

4.5 Il-Ministeru tal-Finanzi jagħti Eżenzjonji mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq u mill-Ħlas tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni fuq Vetturi. Il-KNPD tamministra dawn is-servizzi u tagħmel rakkomandazzjonjiet lill-Ministeru għal dawn iż-żewġ servizzi. Statistika dwarhom għal dawn ix-xahrejn tidher f'Tabelli 4.5.1 u 4.5.2 rispettivament.

Tabella 4.5.1 Eżenzjonji mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq

| | **Sub-total** | **Total sa issa** |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 66 | 258 |
| Rakommandati | 72 | 216 |
| Mhux eliġibbli | 7 | 15 |
| Applikazzjoni mwaqqa' | 3 | 20 |
| Saqsew għal appuntament ġdid | 4 | 18 |

## Tabella 4.5.1a Min ingħata Eżenzjonji mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq

| Sess | | |
|---|---|---|
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nisa | 25 | 69 |
| Rġiel | 50 | 138 |
| **Eta'** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Taħt l-4 snin | 0 | 0 |
| Bejn 5 u 16 | 2 | 5 |
| Bejn 17 u 30 | 7 | 20 |
| Bejn 31 u 60 | 42 | 110 |
| Aktar minn 60 | 24 | 72 |
| **Tip ta' Diżabilita'*** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nuqqas fiżiku | 62 | 177 |
| Nuqqas intellettwali | 9 | 22 |
| Nuqqas psikoloġiku | 2 | 15 |
| Nuqqas ta' smigħ | 7 | 17 |
| Nuqqas ta' dawl | 2 | 14 |
| Mhux magħruf | 0 | 2 |

*Din it-tabella turi t-tipi ta' nuqqas tal-persuni li kwalifikaw għal dan is-servizz. Min għandu aktar minn nuqqas wieħed jidher darbtejn, ngħidu aħna 'nuqqas fiżiku' u 'nuqqas ta' smigħ'.

## Tabella 4.5.2 Eżenzjonji mill-Ħlas tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni fuq Vetturi

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 41 | 236 |
| Rakommandati | 39 | 169 |
| Mhux eliġibbli | 0 | 5 |
| Applikazzjoni mwaqqa' | 4 | 25 |
| Saqsew għal appuntament ġdid | 6 | 22 |

## Tabella 4.5.2a Min ingħata Eżenzjonji mill-Ħlas tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni

| Sess | | |
|---|---|---|
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nisa | 14 | 64 |
| Rġiel | 34 | 112 |
| **Eta'** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Taħt l-4 snin | 0 | 3 |
| Bejn 5 u 16 | 11 | 21 |
| Bejn 17 u 30 | 6 | 31 |
| Bejn 31 u 60 | 14 | 54 |
| Aktar minn 60 | 17 | 66 |
| **Tip ta' Diżabilita'*** | | |
| | Sub-Total | Total s'issa |
| Nuqqas fiżiku | 41 | 141 |
| Nuqqas intellettwali | 12 | 39 |
| Nuqqas psikoloġiku | 2 | 17 |
| Nuqqas ta' smigħ | 3 | 12 |
| Nuqqas ta' dawl | 6 | 16 |
| Mhux magħruf | 0 | 4 |

*Din it-tabella turi t-tipi ta' nuqqas tal-persuni li kwalifikaw għal dan is-servizz. Min għandu aktar minn nuqqas wieħed jidher darbtejn, ngħidu aħna 'nuqqas fiżiku' u 'nuqqas ta' smigħ'.

Tabella 4.5.2b  Tipi ta' Vetturi Eżenti mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Karozza manwali | 17 | 64 |
| Karozza manwali modifikata | 4 | 4 |
| Karozza awtomatika | 7 | 34 |
| Karozza awtomatika modifikata | 2 | 10 |
| Vannijiet aċċessibli għas-siġġijiet tar-roti | 9 | 30 |

4.5.3 Il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment waqqaf bord biex jikkunsidra talbiet għal eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq vetturi u ħlas tal-liċenzja tat-triq. Dan il-bord jikkunsidra dawk it-talbiet minn persuni b'diżabilita' li minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali ma jkunux jistgħu jiġu kkunsidrati skont il-linji gwida maħruġa mill-istess Ministeru. Dan il-Bord jagħmel ukoll rakkomandazzjonjiet rigward *policies* u proċeduri f'dan il-qasam. Sal-aħħar tal-perjodu kopert minn dan ir-rapport, ħidma fuq dawn it-talbiet saru kif indikat fit-Tabella li jmiss.

Tabella 4.5.3  Board Dwar Eżenzjonji mill-Ħlas tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni fuq Vetturi u Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Numru ta' Każijiet | 10 | 33 |
| Ingħataw Eżenzjoni | 3 | 19 |
| Ma ngħatawx Eżenzjoni | 0 | 5 |
| Każijiet Pendenti | 7 | |

4.6 Transport Malta tieħu ħsieb talloka Reserved Parking u Keep Clear Bays quddiem id-djar ta' persuni li għandhom nuqqas ta' mobilita' sever ħafna. Persuni li ma jingħatawx dan is-servizz jistgħu jappellaw mid-deċiżjoni permezz tar-Review Panel li hu mmexxi mill-KNPD u Transport Malta. L-appelli li ġew ikkunsidrati f'dawn ix-xahrejn huma kif ġej.

Tabella 4.6  Reserved Parking u Keep Clear Bays Review Panel

| | Sub-total | Total sa issa |
|---|---|---|
| Appelli ġodda | 6 | 17 |
| Konfermata l-ewwel deċiżjoni | 6 | 9 |
| L-ewwel deċiżjoni midbula | 0 | 5 |
| Ingħataw 'Keep Clear Bay' | 0 | 2 |
| Riferut għall-opinjoni tat-tabib | 0 | 1 |
| Pendenti | 0 | |

## 5. Għarfien dwar l-Oqsma tad-Diżabilita'

Il-KNPD temmen bi sħiħ li minbarra servizzi lill-persuni b'diżabilita', xogħol fuq policy, miżuri u programmi favur il-persuni b'diżabilita', u l-implimentazzjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs, hu importanti wkoll li jiżdied l-għarfien dwar id-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilita' f'setturi differenti tas-soċjeta'.

5.1 Il-Programm tat-Taħriġ dwar l-Oqsma tad-Diżabilita' joffri taħriġ dwar l-ugwaljanza tal-persuni b'diżabilita'. Dan it-taħriġ isir lil parteċipanti differenti u jsir bis-sehem sħiħ ta' persuni b'diżabilita' u ġenituri ta' persuni b'diżabilita' li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom. Fil-perjodu kopert minn dan ir-rapport, saru dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ.

Tabella 5.1.1 Il-Programm tat-Taħriġ dwar l-Oqsma tad-Diżabilita'

| Tip ta' Kors | **Numru ta' Studenti** |
|---|---|
| Employee Support Programme – Ministry għall-Affarijiet Barranin | 50 |
| Employee Support Programme – Ministry għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni | 17 |
| Università ta' Malta – Psychology (Masters) | 4 |
| Università ta' Malta – BA (Hons) Italian | 40 |
| Università ta' Malta – B.Ed Secondary | 86 |
| Università ta' Malta – BA Social Policy and Social Work | 38 |
| Università ta' Malta – Faculty of Medicine and Surgery | 20 |
| Impjegati tal_HSBC | 20 |
| Sub-total ta' studenti ġodda | 275 |
| **Numru totali ta' studenti s'issa** | **2871** |

5.2 Iċ-Ċentru tar-Riżorsi Wenzu Dalli jinsab fis-Segretarjat tal-KNPD u hu miftuħ għall-pubbliku. Ir-riżorsi li kien hemm sal-aħħar ta' Awwissu 2001 kienu kif ġej.

Tabella 5.2 Riżorsi u Membri Ġodda taċ-Ċentru tar-Riżorsi Wenzu Dalli

| | **Sub-total** | **Total s'issa** | **Total Globali** |
|---|---|---|---|
| Kotba | 14 | 99 | **5174** |
| Perjodiċi | 8 | 50 | **473** |
| CDs | 0 | 6 | **146** |
| DVDs | 23 | 33 | **84** |
| Membri | 6 | 23 | **1503** |

Matul dawn ix-xahrejn, użu ta' dan iċ-Ċentru sar kif indikat f'Tabella 5.2.1.

Tabella 5.2.1 Self ta' Riżorsi miċ-Ċentru tar-Riżorsi Wenzu Dalli

| | Sub-total | Total s'issa |
|---|---|---|
| Kotba | 19 | **204** |
| Perjodiċi | 10 | **45** |
| CDs | 0 | **5** |
| DVDs | 0 | **3** |
| Membri li użaw iċ-Ċentru | 7 | **70** |

5.3 Il-KNPD ingħatat fondi mill-Programm Progess tal-Unjoni Ewropea sabiex tagħmel sena ta' attivitajiet permezz tal-Proġett 'Ngħixu b'Mod Sħiħ fis-Soċjeta'', proġett li nbeda matul il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilita' f'Diċembru 2010 u qed ikompli matul l-2011.

5.3.1 Matul dawn ix-xahrejn il-KNPD kompliet taħdem fuq serje ta' pubblikazzjonijiet iffinanzjati permezz ta' dan il-proġett.

5.3.2 Grazzi għall-koperazzjoni tal-*Education Officers* responsabbli mill-għalliema tal-*Personal and Social Development*, il-KNPD ħarġet ċirkolari sabiex tħeġġeġ dawn l-għalliema jistiednu kelliema mill-KNPD sabiex jagħtu lezzjonijiet lill-istudenti tagħhom fuq l-għarfien dwar id-diżabilità.

5.3.3 Matul dawn ix-xahrejn, il-KNPD kellha diversi okkażjonijiet sabiex issemma' lehenha fil-media lokali. Matul ix-xahar ta' Settembru, dehru ħames artikli fil-gazzetti lokali dwar attivitajiet marbuta mas-settur tad-diżabilità jew artikli ta' għarfien. F'Ottubru kien hemm tlett interventi fuq televiżjonijiet lokali dwar għarfien, intervent fuq radju lokali u sittax-il artiklu li dehru fil-gazzetti lokali

5.4 Iċ-*Chairman* tal-KNPD ħa sehem f'intervista estensiva mal-ġurnal *Illum*.

## 6. Ħidma Oħra

6.1 Is-Sur J. Camilleri, *Chairman* tal-KNPD, ipparteċipa f'simpożju organizzat mill-*Autism Parents Association*.

6.2 Is-Sur Camilleri ħa sehem ukoll f'konferenza stampa dwar il-*HandyCup 2011* u fil-konferenza li saret bħalha parti mill-istess attività, fejn ta wieħed mid-diskorsi prinċipali, bl-isem '*We Are All In The Same Boat: the universality of disability issues*'.

6.3 Iċ-Ċermen, id-Direttur Eżekuttiv u membri tal-istaff fis-Segretarjat tal-KNPD huma Membri ta' Bordijiet u Kumitati ta' Entitajiet Differenti. Dawn huma kif ġej.

- Il-Grupp tas-Soċjeta' Ċivili tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (l-MCESD)
- Il-Korporazzjoni tal-Impjieg u t-Taħriġ (l-ETC)
- Il-Kunsill u s-Senat tal-Universita' ta' Malta
- Il-Bord tal-Gvernaturi tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (l-MCAST)
- Il-Kumitat għall-Allokazzjoni tas-Servizzi tal-Aġenzija Sapport
- Il-Kumitat Konsultattiv tad-Diviżjoni tas-Saħħa
- Il-Bord tas-Skema L tal-Awtorita' tad-Djar
- Il-Malta Community Chest Fund.

6.4 Il-KNPD hi rappreżentata wkoll bħala waħda mill-entijatiet fundaturi tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tar-Respite Care, li tmexxi Dar il-Kaptan, u tal-Fondazzjoni għall-Aċċessbilita' fl-Informatika (il-FITA). F'Ġunju, il-KNPD attendiet għal ċelebrazzjoni li fakkret l-għoxrin sena mit-twaqqif ta' Dar il-Kaptan.

6.5 Biex il-KNPD tkun tista' twettaq ix-xogħol tagħha b'mod effettiv, hi taħdem fil-qrib ma' entitajiet oħra. Ħafna minn dan ix-xogħol hu deskritt aktar 'il fuq f'dan ir-rapport. Barra mill-entitajiet imsemmija diġa f'dan ir-rapport, saru wkoll laqgħat u ħidma ma' diversi entitajiet oħra.

- Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza
- L-Uffiċċju tal-Koordinatur tad-Diżabilita' għal Għawdex
- Il-*Malta Guide Dogs Foundation*.

6.6 Il-KNPD iżżomm ruħha aġġornata dwar dak li qed jiġri fil-qasam tad-diżabilita' fuq livell internazzjonali permezz ta' kuntatti fil-qrib mal-Forum Ewropew tad-Diżabilita', id-Disability Rights Committee fi ħdan l-Equality and Human Rights Commission tar-Renju Unit, Disability Wales u Inclusion Europe, fost entitajiet oħra.

Aktar tagħrif dwar il-ħidma tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' u dwar is-Servizzi Ħajja Indipendenti tista' tinkiseb mill-websajt www.knpd.org jew mis-Segretarjat tal-KNPD f'St Venera.


Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita'
Bugeia Institute
Triq Braille
St Venera
SVR 1916

Tel: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS biss: 7978 8555
Email: helpdesk@knpd.org